



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 117/24

Il-Lussemburgu, 29 ta' Lulju 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-202/24 | [Alchaster] ¹

Mandati ta' arrest maħruġa mir-Renju Unit: il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara l-kundizzjonijiet li taħthom dawn jistgħu jiġu eżegwiti fl-Unjoni Ewropea

Sa mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, l-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest maħruġa mir-Renju Unit fl-Unjoni hija rregolata mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) bejnha u r-Renju Unit. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri li jintalbu jeżegwixxu tali mandat għandhom iwettqu eżami awtonomu tar-riskju ta' ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li l-persuna kkonċernata tallega li tkun ser taffaċċja fil-każ ta' konsenja fir-Renju Unit. Il-mekkaniżmu ta' konsenja previst mill-FKK huwa differenti minn dak previst mid-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandati ta' arrest Ewropej.

Il-ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) ² bejn l-UE u r-Renju Unit biex jissolvew ir-relazzjonijiet tagħhom wara l-Brexit jipprevedi, b'mod partikolari, kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bbażata fuq mekkaniżmu ta' konsenja abbażi ta' mandat ta' arrest.

Imħallef tad-distrett tal-Qorti Distrettwali tal-Irlanda ta' Fuq (ir-Renju Unit) ħareġ erba' mandati ta' arrest kontra persuna ssuspettata li wettqet reati marbuta mat-terroriżmu. Fl-appell tagħha quddiem il-Qorti Suprema tal-Irlanda, il-persuna kkonċernata sostniet li l-konsenja tagħha kienet inkompatibbli mal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* minħabba emenda sfavorevoli tar-regoli ta' libertà kundizzjonata adottata mir-Renju Unit wara l-allegat twettiq tar-reati inkwistjoni.

Il-Qorti Suprema tal-Irlanda nnotat li l-Qorti Suprema tar-Renju Unit kienet diġà kkonkludiet li dawn ir-regoli huma kompatibbli mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) ³ u li hija stess, f'dan il-kuntest, diġà kienet ċaħdet l-argument tal-persuna kkonċernata dwar riskju ta' ksur tal-KEDB. Filwaqt li staqsiet jekk tistax tinsilet l-istess konklużjoni fir-rigward tal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") ⁴, hija staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara r-rwol li għandha jkollha l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ta' Stat Membru fil-każ fejn persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest ibbażat fuq il-FKK tallega li tkun ser ikollha riskju ta' ksur ta' dan il-prinċipju fil-każ ta' konsenja fir-Renju Unit. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li din l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha twettaq eżami awtonomu ta' dan ir-riskju fid-dawl tal-Karta, anki jekk ikun diġà ġie eskluż riskju ta' ksur tal-KEDB.

L-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tirrifjuta l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest biss jekk, wara li tkun talbet informazzjoni u garanzji addizzjonali lill-awtorità ġudizzjarja emittenti, hija jkollha elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati li jstabbilixxu li jkun jeżisti riskju reali ta' applikazzjoni ta' piena oġhla minn dik inizjalment imġarrba fil-jum li fih ikun twettaq ir-reat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tibda billi tenfasizza **li d-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew** ⁵ **ma tirregolax l-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest maħruġa mir-Renju Unit wara l-iskadenza tal-perijodu tranżitorju**

speċifikat fil-Ftehim dwar il-Ħruġ⁶. Minn dik id-data, din l-eżekuzzjoni hija rregolata mill-FKK. Skont dan il-ftehim, Stat Membru jista' jirrifjuta li jeżegwixxi tali mandat ta' arrest biss għal raġunijiet li jirriżultaw minn dan il-ftehim. F'dan il-kuntest, meta jadottaw deċiżjoni ta' konsenja ta' persuna fir-Renju Unit abbażi tal-FKK, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni tal-Istati Membri huma obbligati jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti mill-Karta.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva f'dan ir-rigward li s-sistema ssemplifikata u effikaċi ta' konsenja tal-persuni kkundannati jew issuspettati, stabbilita mid-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, hija bbażata fuq il-livell għoli ta' **fiduċja** li għandu jkun hemm **bejn l-Istati Membri** u fuq il-**prinċipju ta' rikonossiment reċiproku**. Dan il-prinċipju jikkostitwixxi l-“pedament” tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri f'materji kriminali. Din hija premessa fundamentali li tgħid li kull Stat Membru jikkondividi mal-Istati Membri l-oħra kollha, u jirrikonoxxi li dawn jikkondividu miegħu, sensiela ta' **valuri komuni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni**.

Tali livell ta' fiduċja jista' jiġi stabbilit ukoll permezz ta' ftehimiet internazzjonali bejn l-Istati Membri u ċerti pajjiżi terzi li jkollhom relazzjonijiet privileġġati mal-Unjoni Ewropea. Madankollu, **il-FKK ma jistabbilixxix tali relazzjonijiet privileġġati bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea, iktar u iktar issa li r-Renju Unit ma jagħmilx parti miż-żona Ewropea mingħajr fruntieri interni**. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu ta' konsenja previst mill-FKK huwa differenti, fuq ċerti aspetti, b'mod sostanzjali minn dak irregolat mid-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew.

F'dan il-kuntest, meta l-persuna rikjesta tinvoka riskju ta' ksur ta' dritt fundamentali stabbilit mill-Karta, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha teżamina l-elementi rilevanti kollha sabiex tevalwa s-sitwazzjoni prevedibbli ta' din il-persuna fil-każ ta' konsenja tagħha fir-Renju Unit. Dan jippreżupponi, b'differenza mill-eżami f'żewġ stadji⁷ li huwa neċessarju fil-kuntest tal-mandat ta' arrest Ewropew, li jittieħdu inkunsiderazzjoni simultanjament kemm ir-regoli u l-prattiki li jkunu għaddejjin b'mod ġenerali f'dan il-pajjiż kif ukoll, fl-assenza ta' applikazzjoni tal-prinċipji ta' fiduċja reċiproka u ta' rikonossiment reċiproku, il-karatteristiċi speċifiċi tas-sitwazzjoni individwali ta' din il-persuna.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-emenda tar-regoli ta' libertà kundizzjonata, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li miżura relatata mal-eżekuzzjoni ta' piena tkun inkompatibbli mal-Karta biss jekk din twassal għal modifika tal-portata reali tal-piena mġarrba fil-jum meta twettaq ir-reat inkwistjoni, u b'hekk twassal għall-impożizzjoni ta' piena iktar ħarxa minn dik inizjalment imposta.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq ["Europe by Satellite"](#) ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

² [Ftehim ta' Kummerċ u ta' Kooperazzjoni](#) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra.

³ [Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem](#) kif emendata bil-Protokoll Nri 11 u 14, u kkompletata bil-Protokoll Addizzjonali u l-Protokoll Nri 4, 6,

7, 12, 13 u 16.

⁴ [Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.](#)

⁵ [Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja](#) bejn l-Istati Membri, emendata bid-Deċiżjoni Kwadru 2009/299/ĠAI tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009.

⁶ [Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq](#) mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

⁷ F'dak li jirrigwarda l-mandat ta' arrest Ewropew, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, fil-kuntest tal-ewwel fażi, tiddetermina jekk ikunx hemm elementi li juru l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur, fl-Istat Membru emittenti, ta' dritt fundamentali rilevanti minħabba nuqqasijiet jew sistemiċi jew ġeneralizzati, jew nuqqasijiet li jaffettwaw iktar speċifikament grupp oġġettivament identifikabbli ta' persuni. Fil-kuntest tat-tieni fażi, hija għandha tivverifika, b'mod konkret u preċiż, kemm in-nuqqasijiet identifikati matul l-ewwel fażi jkunu jistgħu jaffettwaw il-persuna li tkun is-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew u jekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni personali tiegħu, ikunx hemm riskju reali ta' ksur ta' dritt fundamentali rilevanti fil-każ ta' konsenja lill-Istat Membru emittenti. L-obbligu ta' konstatazzjoni tal-eżistenza ta' nuqqasijiet ġenerali qabel ma' ssir il-verifika, b'mod konkret u preċiż, ta' jekk il-persuna li tkun is-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew tkunx ser tgħaddi mir-riskju reali ta' ksur ta' dritt fundamentali jfittex li jevita li tali verifika ma tkunx tista' titwettaq barra minn każijiet eċċezzjonali. Hija tikkostitwixxi b'hekk il-konsegwenza tal-preżunzjoni ta' rispett tad-drittijiet fundamentali mill-Istat Membru emittenti li jirriżulta mill-prinċipju ta' fiduċja reċiproka.